MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Citazzjoni Numru. 3/1989/1

Joseph Muscat u b'digriet moghti fit-3 ta' April 1991 Francis Muscat gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-wirt ta' missieru l-attur Josep Muscat

vs

Joseph Borg u Francesco Bartolo u b'digriet tal-11 ta' Gunju 1999 Dr. Chris Said LL.D gie nominat kuratur deputat sabiex jidher ghall-eredita gjacenti tal-konveut Giuseppe Borg li miet fil-mori tal-kawza

Il-Qorti,

**Actio Spolii - Pussess.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-5 ta' Jannar 1989 li permezz taghha l-attur ippremetta li hu pussessur ta' bicca raba' imsejha ic-Cens tal-Kappillan, liema bicca raba' qieghda fin-Nadur, Ghawdex u hi tal-kejl ta' circa

siegh u tmiss mil-lvant ma' beni ta' Joseph Borg, nofsinhar mat-Triq Xandriku u punent ma' beni ta' Joseph Xuereb.

Ricentement il-konvenuti kkomettew spoll vjolenti u klandestin di fronte tal-istess attur u dana peress li fl-ghaxra (10) ta' Novembru 1989 waqqghu parti mill-hajt tas-sejjiegh li hemm jifred dan ir-raba' mit-triq u bnew iehor tal-kantun, kif ukoll ghalqu l-bieb li mill-istess ghalqa kien jikkonduci ghat-triq Xandriku, b'tali mod u manjiera illi fil-prezent l-attur ma jistax jidhol fl-istess ghalqa.

Il-konvenuti ghalkemm gew interpellati sabiex jispurgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnhom kommess, baqghu inadempjenti.

Talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex:

1. Fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit, jispurgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnhom kommess billi jergghu jpoggu kollox fl-istat pristinu li kien u b'hekk jergghu jirripristinaw lill-attur fil-pussess tar-raba', billi wkoll jerrghu jifthu il-bieb li jaghti ghat-triq tal-istess raba'.

2. Fin-nuqqas jekk iz-zmien ighaddi inutilment, l-attur ghandu jigi awtorizzat jaghmel l-istess xogholijiet kollha necessarji sabiex ipoggi kollox fl-istat pristin tieghu u dan ghas-spejjez tal-konvenuti u taht id-direzzjoni ta' perit, jekk hemm bzonn, nominat ghal dan l-iskop.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut Joseph Borg (fol. 10), eccepixxa li:-

1. Qabel xejn l-attur irid jiccara fhix jikkonsisti l-ispoll minnu allegat u cioe' jekk hux il-fatt li l-konvenut bena l-hajt divizorju, jekk hux ghaliex ghalaq il-bieb li allegatament kien jezisti inkella ghaliex usurpa xi art li kienet fil-pussess tal-attur.

2. Fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma kkommetta l-ebda spoll fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-23 ta' Ottubru 1989, il-konvenut Francis Bartolo eccepixxa li:

1. Hu ma kkommetta l-ebda spoll fil-konfront tal-attur billi ma hux minnu li l-attur kien fil-pussess ta' xi art maghrufa bhala Ic-Cens tal-Kappillan, Nadur, Ghawdex.

2. Fi kwalunkwe kaz din il-kawza kellha ssir kontra Joseph Borg wahda billi huwa l-persuna attwalment fil-pussess tal-art in kwistjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz ir-rapport imhejji mill-perit legali u prezentat fl-14 ta' Jannar 1994 (fol. 146).

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-12 ta' Gunju 2007 li permezz tieghu rrevokat l-inkarigu moghti lill-periti addizzjonali wara li qieset li l-kawza hi azzjoni ta' spoll, li ilha pendent sa mill-5 ta' Jannar 1989 u l-partijiet kienu skambjaw noti ta' sottomissjonijiet dettaljati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li gew skambjati bejn il-partijiet.
Rat il-verbal tal-access li sar mill-Qorti nhar is-Sibt 28 ta' Lulju, 2007.

Mill-atti jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta dwar allegat spoll li sehh fl-10 ta' Novembru 1989. Ic-citazzjoni giet prezentata fil-5 ta' Jannar 1989. Kawza li ilha pendenti 'il fuq minn tmintax (18) il-sena. Bizzejjed jinghad li l-provi ilhom maghluqa mid-9 ta' Dicembru 1993 (fol. 232) u l-perit legali pprezenta r-rapport tieghu fl-14 ta' Jannar 1994. Mill-atti jidher li matul dawn l-ahhar tlettax-il sena tista' tghid li ftit li xejn sar progress. Ezempju iehor ta' kif kawzi, partikolarment ta' din in-natura intiza bhala azzjoni mghaggla u effikaci ghall-iskop li ma tippermetti li hadd ma jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandhomx jiehdu l-kors taghhom. Wara talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali

(fol. 288), permezz ta’ digriet moghti fil-11 ta’ Marzu 1994 il-Qorti laqghet it-talba (fol. 289). Jidher bic-car li minn dakinhar il-kawza marret f’bir ta’ skieken u ntilef kull kontroll fuq l-andament taghha.

2. Fit-28 ta’ Lulju 2007 il-Qorti ghamlet access fuq il-post u giet murija fejn kien il-hajt tas-sejjiegh fi Triq Xandriku, Ghawdex fejn issa hemm hajt tal-gebel tal-franka minghajr ftuh fih ghalkemm f’gemb tal-hajt jidher li kien hemm fetha li giet maghluqa.

3. Fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Borg, din hi minghajr bazi. Minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li l-ilment tal-attur hu li ttiehedlu l-pussess ta’ l-art in kwistjoni meta:

- Twaqqa’ hajt tas-sejjiegh li jifred din l-art minn Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex u minflok inbena iehor tal-kantun;
- Inghalaq bieb li mill-istess ghalqa kien jiftah ghal fuq Triq Xandriku.

Hu evidenti li l-kawza hi ntiza sabiex l-attur jiehu lura l-pussess ta’ l-art li kienet fil-pussess tieghu. Ghalhekk din l-eccezzjoni m’hijiex flokha u anzi hi frivola.

4. L-elementi ta’ *actio spolii* huma:-

- Pussess;
- L-ispoll;
- Il-kawza trid issir fi zmien xahrejn minn meta jsehh l-att spoljattiv.

Hu maghruf li *“nelle cause di spoglio la Corte deve soltanto esaminare la esistenza del possesso o della detenzione, perche’ e noto il detto forense ‘spoliatus ante omnia restituendus’”*, u li *“la reintegrazione dev’essere dalla Corte ordinata comunque viziato possa essere il possesso dell’attore, anche quando il citato fosse il*

*proprietario della cosa di cui l'attore avesse sofferto lo spoglio per impedire che i cittadini si arroghino il diritto di farsi giustizia di propria autorita' e colle proprie mani"* (**Carmelo Ellul vs Giovanni Fenech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Settembru 1917 – Vol. XXIII.i.551).

5. Ghal dak li jikkoncerna l-konvenut Francis Bartolo, dan ma kellu x'jaqsam xejn fix-xogholijiet li saru. Mill-provi rrizulta ampjament li x-xoghol sar minn nies inkarigati mill-konvenut. L-attur ma ressaq l-ebda prova li l-konvenut Francis Bartolo kien b'xi mod involut f'dak li sar. Hi floka l-osservazzjoni li saret fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata minn dan il-konvenut li l-uniku allegazzjoni li saret min-naha tal-attur fil-konfront tieghu, kienet li fil-hin li qed jinhatt il-hajt tas-sejjiegh kien prezenti; *"il-hajt rajtu jhottu Guzepp Borg u mieghu kellu lil Francesco Bartolo. Borg hattu bl-ingenji li kien isuqhielu haddiehor… Qed nigi mistoqsi mill-Perit Legali, l-konvenut Bartolo fejn jidhol f'dan kollu: meta sari l-hat kien mal-iehor"* (fol. 176 u 177). Dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li l-konvenut Bartolo kien kompartecipi f'dak li kien qieghed jaghmel il-konvenut l-iehor. Dan apparti l-fatt li l-konvenut Borg ikkonferma li *"d-decizjoni li naghmel il-hajt tal-kantun hadtha wahdi. Mhux minnu li ftehemna jiena u Bartolo"* (fol. 206). Qabel jew ma qabilx ma' l-agir tal-konvenut Borg u kienx dispost li jhallas ghal sehem mill-ispejjez, mill-provi jirrizulta li Jospeh Borg agixxa b'mod indipendenti. Wiehed ma ghandux jinsa li l-azzjoni ta' spoll torigina *ex delicto*[1]; *"L-azzjoni ta' spoll hija esperibbili kontra l-awtur tal-ispoll kif ukoll kontra l-komplici tieghu fosthom il-mandanti li jkunu inkarigawh" (Volum XXXII.i.451; Volum XXVIII.i.188 ; Volum XLI.ii.849)"*[2]. Fic-cirkostanzi l-konvenut Bartolo ma jistax jinstab responsabbli, u l-kawza ma tistax tirnexxi fil-konfront tieghu. Tant il-konvenut Bartolo ma kienx involut li minn meta ttella' l-hajt qatt ma kellu l-pussess jew access ghall-art meritu ta' din il-kawza. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni li wasal ghaliha l-perit legali.

---

[1] **Dimitry Orlov vs Edward Pavia proprio et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 2002.
[2] Ara l-istess sentenza.

6. Hu maghruf li l-pussess li trid il-ligi fl-attur ghal fini ta’ kawza ta’ din ix-xorta, m’hemmx ghalfejn ikun wiehed ta’ proprjeta’ jew ta’ servitu’ u bizzejjed ikun pussess ta’ natura materjali u *di fatto*. Madankollu hu mehtieg ghall-attur li jaghti prova ta’ dan il-pussess. Il-perit legali wasal ghal konkluzjoni li t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu milqguha in kwantu fil-fehma tieghu l-attur irnexxielu jaghti prova tal-elementi mehtiega ghall-azzjoni ta’ din ix-xorta. Il-Qorti m’hijiex marbuta bl-opinjoni moghtija minn perit gudizzjarju, iktar u iktar fejn din tikkostitwixxi apprezzament ta’ provi u fejn m’hemm l-ebda aspett tekniku x’jigi kunsidrat. Il-perit legali osserva li *“imma dak li jgieghel lill-esponent li jmiel il-mizien definittivament favur l-attur hi x-xhieda ta’ Guzepp Xuereb. Dan ghandu l-mandra de qua tmiss ma proprjeta’ tieghu u ilu fiha minn xi 1958. Dan ried ibajjad dik il-parti tal-fond tieghu lit hares fuq il-mandra b’mod li kien jaqa xi haga fiha. Fuq hekk hu kellem lill-attur, u lil hadd izjed. L-attur anke kien qallu li hemm tieghu u allura Xuereb staqsieh setax itih bicca mill-mandra ghall-bini. Altru milli l-attur ma kienx ikun fil-mandra”* (fol. 172-173). Ikun floku li wiehed jaghmel riferenza ghal certu partijiet mid-deposizzjoni moghtija minn dan ix-xhud (seduta tas-17 ta’ Mejju 1990):

*“Mistoqsi lil min rajt fil-mandra tal-hajt tal-kantun nghid li ma nista nghid li rajt lil hadd”* (fol. 183).

*“Darba ridt imbajjad il-post tieghi b’mod li kien jaqa’ xi haga fil-mandra. Gie diskors fuq hekk mal-attur li qalli ‘aghmel li trid ghax hemm tieghi’. Dan xi sentejn ilu, jew tlieta. Il-hajt tal-kantun zgur kien lest. Il-bajjad dahal ghalli kellu bzonn u hadd ma kellmu”* (fol. 183).

*“Ma Borg qatt ma tkellimt dwar il-mandra.* ***Il-mandra ma nafx ta’ min hi. Jekk ma tara ‘l hadd hemmhekk****”* (fol. 183 – sottolinejar tal-Qorti).

*“Darba, ilu, kont nitkellem mal-attur u qalli, ghall-mandra, hemm tieghi, u jien wegibtu sewwa ttini bicca u nibni garage u hu ma riedx. Mistoqsi ilux aktar minn ghaxar snin nghid li nahseb li ilu”* (fol. 184).

B'kull rispett lejn il-fehma li esprima l-abbli perit legali, il-Qorti ma taqbilx li x-xhieda moghtija minn Guzepp Xuereb ghandha xxaqqleb il-mizien favur it-tezi tal-attur. L-azzjoni maghmula mill-attur hi bazata fuq il-premessa li hu kien *"**__l-attwali pussessur__** ta' bicca raba' imsejha Ic-Cens tal-Kapillan", fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex…."*. L-oneru ta' prova qieghed fuq l-attur u hadd iktar. Mix-xhieda ta Guzepp Xuereb wiehed ma jistax jasal biex jikkonkludi li meta twaqqa' l-hajt tas-sejjiegh u nbena iehor tal-kantun, il-pussess tal-art kienet f'idejn l-attur. Anzi meta gie mistoqsi lil min kien ra fl-art, ix-xhud wiegeb li ma ra lil hadd. Kliem li ghal darba qalu darbtejn. Fir-rigward tad-diskors li dan ix-xhud ighid li kellu ma' l-attur, il-Qorti tirrileva li:

(a) Id-diskors dwar it-tibjid sar meta l-hajt tal-kantun kien diga' inbena. F'dak l-istadju l-attur zgur li ma kellux pussess ta' l-art. Dan apparti l-fatt li minn ebda parti mid-deposizzjoni ma jirrizulta li x-xhud kien mar jitlob xi permess lill-attur sabiex jidhol fl-art in kwistjoni. Sempliciment qal li gie d-diskors mal-attur, li min-naha tieghu qallu li l-art kienet tieghu. F'kawza ta' din in-natura dak li ghandu jinteressa l-Qorti hu l-pussess u mhux ta' min hi l-proprjeta';

(b) Bl-istess mod id-diskors dwar meta f'okkazzjoni precedenti l-attur kien qal lill-konvenut li l-art hi tieghu kien sehh (skond ix-xhud) xi ghaxar snin qabel (igifieri ghal habta ta' 1985, snin qabel l-incident li hu meritu ta' din il-kawza). Il-fatt li l-attur seta' qal lil dan ix-xhud li l-proprjeta' hi tieghu ma jfisser xejn ghal finijiet ta' *acio spolii*. Lanqas ma nghatat spjegazzjoni x'wassal biex inghad dan il-kliem.

7. Min-naha l-ohra l-perit legali ma ta l-ebda importanza ghax-xhieda moghtija minn minn Maria Attard (seduta tad-9 ta' Settembru 1993) li toqghod faccata tal-art in kwistjoni: ***"Bil-gurament tieghi nghid li fit-tletin sena li ili hemm f'dar-raba qatt ma rajt lil hadd"*** (fol. 231). Imbaghad kompliet tghid, *"Lil Muscat ix-xih nafu.*

*Mistoqsija qatt rajtu fir-raba nghid li fl-isqaq kont narah jidhol"* (fol. 231). Mill-provi rrizulta wkoll li l-hajt tas-sejjiegh li kien jifred l-art minn Triq Xandriku kien wiehed baxx. Inoltre Pawlu Camilleri (il-persuna li bniet il-hajt tal-kantun) xehed, *"meta kont naghmel ix-xoghol ma kellimni hadd u ma fixkilni hadd. Borg kien jigi kuljum ihares"* (fol. 211). Il-konvenut stess qal li *"Guzepp Muscat kien presenti wkoll fis-sens li kien faccata u qatt ma qalli xejn"* (fol. 206). L-attur kien xehed li hu ma kienx tkellem biex izomm il-kwiet. Il-mistoqsija tigi wahedha, hu verosimili li persuna li qeghda tara quddiem ghajnejha hajt tas-sejjiegh ta' art li tghid li hi taghha, tarah jinhatt u jittella' iehor minfloku minghajr ma tlissen kelma ? Ghal din il-Qorti m'huwiex iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li b'dawk ix-xogholijiet kien qieghed jitnehha l-access ghall-art. Atteggjament li fil-fehma tal-Qorti ikompli jikkonferma li l-attur ma kellux kif ippremetta fic-citazzjoni *"il-pussess attwali"* tal-art fiz-zmien li sehh l-ispoll, mehud ukoll in konsiderazzjoni li mill-provi rrizulta li dan kien joqghod f'post li jinsab faccata l-art. Dan iktar u iktar meta l-attur xehed *"mindu sar il-hajt bil-kantun dahal it-tifel billi waqqajt il-gebel tal-bieb"* (fol. 178). L-attur ma tax spjegazzjoni sodisfacenti ta' x'wasslu biex ibiddel l-atteggjament tieghu minn dak ta' qabel (cjoe' silenzju totali) u li skond hu kien wiehed li ma jridx jaqla' l-inkwiet. Mill-provi lanqas ma jirrizulta li dakinhar li beda x-xoghol jew fil-granet ta' wara l-attur ghamel xi rapport mal-pulizija dwar dak li ra jigri quddiem ghajnejh.

8. Fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-perit legali ghamel ukoll accenn ghax-xhieda moghtija mill-konvenut Borg u osserva, *"… hi sorprendenti x-xhieda ta' Borg li jghid li ma jaf b'ebda interpellazzjoni tal-attur qabel il-kawza mentri giet esibita l-ittra ufficjali, Dok. FM li turi riferta positive u firma ta' Borg. Rinfaccat b'dan il-fatt, Borg qal li l-firma tixbah lil tieghu"* (fol. 173). Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt fih innifsu m'huwiex rilevanti ghall-ezitu ta' din il-kawza in kwantu b'daqshekk ma jaghmilx il-verzjoni tieghu bhala wahda mhux kredibbli. L-attur innifsu ma kienx konsistenti f'dak kollu li qal. Hekk per ezempju:

i) Filli qal li hu kien ha din l-art b'kera *"ghall-weraq"*[3] (minghajr ma ressaq xhieda jew xi prova dokumentarja sabiex jikkorabora din il-verzjoni) u mbaghad qal li l-art kienet proprjeta' tieghu. Jew kienet b'kera jew kienet proprjeta' tieghu[4]. Ma jistax ikun it-tnejn. Xhud li ressaq l-attur (Toni Muscat) qal li l-attur kien ighidlu li l-art *"…kienet wellietheilu wahda mara. Qatt ma identifikahieli"* (fol. 197). Certament dikjarazzjonijiet li huma kontradittorji ghal xulxin.

ii) Fid-dikjarazzjoni guramentata prezentata mac-citazzjoni, l-attur qal li fil-hajt tas-sejjiegh li jaghti fuq it-triq kien hemm selha. Mill-provi rrizulta li fil-hajt ma kienx hemm selha (ara per ezempju xhieda moghtija minn Maria Attard (fol. 231).

Hemm ukoll divergenza bejn il-verzjoni moghtija mill-attur u ibnu Francis Muscat (fol. 189-191). Hekk per ezempju dan xehed li *"il-mandra ghadha f'idejn missieri, pero sar il-hajt"* (fol. 191), meta l-bazi tal-azzjoni tal-attur hi li minhabba l-agir tal-konvenuti *"ma jistax jidhol fl-istess ghalqa"* (ara premessi tac-citazzjoni u dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-istess).

9. Il-Qorti hi tal-fehma li hi flokha r-riferenza li ghamel il-konvenut Bartolo ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Stephen Farrugia vs Richard Farrugia** deciza fit-13 ta' Ottubru 1998, fis-sens li:

*"…..l-attur naqas li jipprova l-elementi bazilari tal-pussess possedisse li t-turbament tieghu jipprovoka l-azzjoni ta' spoll privileggat. L-attur kellu jipprova l-pussess materjali, il-possesso di fatti, is-semplici pussess ta' fatt";* ***dan fil-***

[3] Fol. 175.

[4] Bhala punt ta' interess biss issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Lurcrezia Cassar et vs Filippo Spiteri noe et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 1948 (Vol. XXXIII.ii.266): *"Hekk per ezempju, jekk it-titolu allegat hija l-preskrizzjoni akkwizittiva li bdiet wara li jkun gie nvertit titolu ta' lokazzjoni, mhux bizzejjed illi l-attur jipprova illi huwa ma adempiex l-obbligazzjonijiet minnu dovuti bhala detentur, imma hemm bzonn illi jipprova illi huwa jkun inverta t-titolu tal-pussess, kif min jallega dipendenza ta' l-effikacja tat-titolu tieghu mill-kwalita' ta' terzo (qualita' di terzo') irid jaghti prova ta' dik il-kwalita'".* F'kull kaz il-Qorti qeghda taghmilha cara li l-kwistjoni petitorja m'ghandix tigi trattata f'kawza ta' spoll.

***<u>mument meta gie kommess l-att turbattiv tal-pussess</u>*”** u

*“it-totalita’ tal-provi rakkolti f’dan il-process kollha huma ndikattivi illi taht ebda cirkostanza ma jista’ jinghad illi l-attur appellant ghandu xi tip ta’ pussess jew li kellu xi tip ta’ pussess sufficjenti ghall-fini ta’ l-azzjoni msemmija **<u>fiz-zmien meta allegatament sar l-att spoljattiv</u>**”* (sottolinejar tal-Qorti)[5].

Interpretazzjoni gusta u li tirrizulta wkoll minn qari tal-Artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kap. 16) li jittratta l-azzjoni ghar-radd tal-pussess f’kaz ta’ spoll. Il-Qorti m’hijiex sodisfatta li l-attur irnexxielu jaghti prova ta’ dak il-pussess attwali li jghid li kellu fiz-zmien li twaqqa’ l-hajt tas-sejjiegh u nbena hajt tal-kantun. Fl-ahjar ipotezi ghall-attur, l-iktar li seta’ kien qieghed jaghmel kien li zmien qabel l-allegat spoll kien jidhol f’din l-art (jew jibghat lil haddiehor) u jaqta’ xi harrub mis-sigra li hemm u jiehu xi weraq. Pero’ mill-provi jirrizulta li kien hemm haddiehor li qed jaghmel hekk (ara per ezempju xhieda ta’ Anton Galea fol. 220-221). Attivita’ li mill-provi l-Qorti m’hijiex sodisfatta li kienet qeghda ssir mill-attur fiz-zmien li sar ix-xoghol li minnu qieghed jilmenta. Mill-provi rrizulta wkoll li din l-art ma kienitx tinhadem u anzi kienet mitluqa. Hu maghruf li l-pussess li fuqu ghandha tkun bazata l-azzjoni ta’ spoll ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest. Fil-kawza fl-ismijiet **Marthese Borg vs George Borg** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-25 ta’ Frar 1993 gie osservat: *“il-pussess mehtieg fil-kawza ta’ spoll de recente huwa l-pussess materjali u di fatto jew ahjar kwalunwke pussess ikun xi jkun….. (Vol.*

---

[5] Fil-kawza fl-ismijiet **John Brincat et vs Felix Vella et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef G. Camilleri) fil-21 ta’ Novembru 1997, gie osservat: *“Hawnhekk ma hemmx dubju li si tratta ta’ azzjoni ta’ spoll. Sabiex tirnexxi azzjoni bhal din hu essenzjali li jigi pruvat illi l-atturi kellhom il-pussess tal-passagg in kwistjoni **<u>meta gew kommessi l-atti ta’ molestia cioe meta saret ix-xatba u meta gie rikostruwit il-hajt fit-tarf tal-passagg</u>**”*. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **John Micallef vs Charles Muscat** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fid-29 ta’ April 1994: ***<u>“Pero hu mehtieg li l-attur jipprova li kellu possesso di fatto fil-mument meta sehh l-att spoljattiv”</u>*** (Sottolinejar tal-Qorti). Ara wkoll sentenzi fl-ismijiet **Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul** moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph R. Micallef) fit-23 ta’ Jannar 2003 , **Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fis-26 ta’ Jannar 1996 u **Peter Sciberras et vs Angelo Calleja et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-26 ta’ Jannar 2007.

*XXXVI.ii.558). Tali pussess m'ghandux pero' jkun ekwivoku u jrid jirrizulta mill-intenzjoni ta' min jallega li jkun gie spoljat – manifestata anterjorment ghall-att spoljattiv – li fizikament jippossjedi. L-univocita' ta' tali pussess jew detenzjoni, infatti jehtieg li tirrizulta car mill-fatti….. **L-intenzjoni li jippospjedi u <u>l-kontinwita' tal-pussess sal-mument meta jigi kommess l-att spoljattiv</u> huma rekwiziti essenzjali biex tigi tentata b'success l-azzjoni li trid necessarjament twassal ghar-reintegrazzjoni fil-pussess turbat b'dak l-att"***. Mill-provi li tressqu m'hemm xejn minn dan fil-kaz odjern, iktar u iktar meta tqies ix-xhieda ta' nies li m'humiex familjari tal-kontendenti jew li m'ghandhomx konnessjoni maghhom. Dan apparti l-fatt li din l-art m'hijiex f'xi post imwarrab fejn wiehed seta' jargumenta li m'huwiex frekwentat min-nies.

10. Bla pregudizzju ghal dak li diga' ntqal u f'kull kaz, ghal finijiet ta' l-azzjoni ta' spoll, il-pussess irid jittiehed *"bil-vjolenza jew bil-mohbi"* (Artikolu 535 tal-Kodici Civili). Anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jaccetta li l-attur kellu pussess, ix-xoghol li minnu qieghed jilmenta l-attur sar fil-miftuh u sahansitra fil-presenza tieghu u fl-ebda stadju ma lmenta dwar dak li kien qieghed jaghmel il-konvenut Joseph Borg. Bla pregudizzju ta' dak li diga' nghad, fil-fehma tal-Qorti mill-provi lanqas ma rrizulta li l-konvenut Borg seta' kien jaf li f'xi zmien (anke fl-antik) kien qieghed jidhol fl-art u jaqta' l-weraq jew li dan kien qieghed jivvanta xi dritt fuq l-art. Il-provi ma jurux li qabel inbena l-hajt kien hemm xi kwistjonijiet bejn l-attur u l-konvenut Borg fuq l-art in kwistjoni. Fil-fatt anke r-rapport tal-pulizija li gew prezentati kollha jirreferu ghal zmien wara li sar ix-xoghol. Fil-kuntratt ta' xiri (li ghab-bazi tieghu l-konvenut Borg qieghed jippretendi li hu proprjetarju ta' l-art in kwistjoni[6]) datat 7 ta' Ottubru 1986 atti nutar Dr. Michael Refalo[7] jinghad li l-art hi *"bil-pussess vakanti"*. Il-vjolenza tissussisti fejn l-att arbitrarju jsir kontra l-volonta' tal-persuna spoljata (ara per ezempju sentenza li hi

[6] Kwistjoni li m'hijiex rilevanti ghall-ezitu ta' din il-kawza u li tibqa' impregudikata bejn il-partijiet.
[7] Fol. 244-246

riportata fil-Volum XLI.ii.1133)[8]. Fis-sentenza **Nazzarena Sant et v. Rita Sammit**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1996: *"Il-vjolenza ta' dan il-kaz tohrog mill-fatt li l-konvenuta, kontra l-volonta` ta' l-atturi possessuri agixxiet biex tiehu b'forza dritt li hija tippretendi li ghandha meta kellha tirrikorri ghal mezzi ohra biex tirrivendika d-drittijiet taghha. Hu ghal dawn is-sitwazzjonijiet li l-ligi tipprovdi lactio spolii biex tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li lpersuna li giet vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha": spoliatus ante omnia restituendum*". Fic-cirkostanzi attwali l-Qorti m'hijiex qed tara li l-konvenut Borg kellu jirrikorri ghal xi mezzi ohra. Dan meta wiehed iqies li mill-provi li tressqu l-Qorti m'hijiex sodisfatta li rrizulta li l-konvenut Muscat kien jaf bil-pretenzjoni li seta' kellu l-attur fuq l-art in kwistjoni. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li l-art kienet facilment accessibbli minn Triq Xandriku minhabba l-istat li kien fih il-hajt tas-sejjiegh fi triq Xandriku.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Borg bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni kontra tieghu.

2. Tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti Joseph Borg u Francis Bartolo u fl-istess waqt tichad it-talbiet ta' l-attur salv kull dritt iehor spettanti lilu skond il-ligi. Spejjez kontra l-attur salv ghal dawk tal-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenut Joseph Borg.

**< Sentenza Finali >**

[8] *"E' spoglio violento qualunque atto di privazione del possesso, compiuto contro la volonta' espressa o presunta del possessore o detentore. Commette, per esempio, spoglio il locatore che, in assenza dell'inquilino, s'introduce nell'appartamento locato e ne fa asportare il mobilio o che toglie il catenaccio che l'inquilino ha apposto alla porta"* (*Manuale di Diritto Privato*, Andrea Torrente, Piero Schlesinger – Dott. A. Giuffre' Editore pagna 385).

---------------------------------TMIEM---------------------------------